# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**34/18**

**Minuti tal-erbgħa u tletin (34) Laqgħa tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar l-Erbgħa 19 ta' Settembru fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skuzat:** | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier (bagħatet ittre, impenjata) |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | | Kunsillier (informa fl-laqgħa precedenti li ser ikun imsiefer) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |

***Aġenda:*** ***Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv***

Il-laqgħa bdiet fil-5.50 ta' filgħaxija.

1 ***Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv***

1.1 Is-Sindku s-Sur Horace J Anastasi nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill irċieva ittre mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Linji Gwida għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

1.2 Is-Sindku semma' wkoll il-proċess tal-Ingaġġ ta' sena ilu fejn ma kienx hemm qbil fuq il-laqgħa tat-13 ta' Ġunju 2011, fejn huwa bħalha Sindku baqa' jinsisti li l-laqgħa ma kienetx nulla. Dakinnhar il-Kunsillieri kienu għazlu li l-Bord ma jiġiex attwat u kienu kitbu lill-Attorney General imma baqgħu bla risposta.

1.3 Is-Sur Anastasi saħaq li biex ikollhom Segretarju Eżekuttiv iridu joħorgu l-*Call for Application* mill-ġdid. Semma wkoll, li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ma tridx tkun preżenti waqt l-intervisti u lanqas tilqa' l-applikazzjonijiet

1.4 Huwa staqsa jekk jaqblux li joħorgu sejħa mill-ġdid u kullħadd qabel.

1.5 Is-Sur Stephen Sultana staqsa x'tinvolvi finanzjarjament u s-Sindku wieġeb li xejn ħlief l-avviz fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

1.6 Is-Sindku qara l-Linji Gwida fuq l-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. L-Avviż irid jidher fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern

Lokali. L-avviż irid idum għal perjodu ta' għaxart ijiem. Huma eleġibbli Segretarji Eżekuttivi u dawk is-Segretarji Eżekuttivi prospettivi li huma fil-*pool*.

1.7 Is-Sindku spjega li hemm bżonn li jitolbu lid-Dipartiment għal Segretarju Eżekuttiv għall-waqt l-intervisti. Żied jgħid li fi żmien 5 ijiem, il-Bord tal-Għażla jrid jiltaqa' u joħroġ l-lista tal-applikanti *shortlisted* fuq in-*notice board*. Fi żmien jumejn is-Sindku jridu jibgħat kopja tar-rapport lid-Dipartment tal-Gvern Lokali flimkien ma estratt tal-minuti fejn juri li l-Kunsill għażel is-Segretarju Eżekuttiv. Saħaq li importanti li l-ASE tikteb lid-Direttur u tikkopja lill-*Monitoring Unit* u rappreżentant tal-OPM sabiex jingħataw Segretarju Eżekuttiv biex t/jieħu ħsieb l-intervisti.

1.8 Is-Sindku staqsa jekk hemmx minn irid jagħmel xi kummenti. Ħadd ma kellu kummenti.

1.9 Is-Sindku staqsa jekk hemmx għalfejn jagħmlu mozzjoni f'dan ir-rigward peress li ser jitolbu għal ingaġġ ġdid. Is-Sindku qal li huwa kien ilu jikteb lid-Direttur u lid-Dipartiment imma qatt ma qalulu xejn. Huwa qal li irid jinħatar il-Bord u jimxi kollox mad-direttivi tad-DLG.

1.10 Is-Sindku staqsa jekk jikkonfermawx li l-proċess li bdew l-aħħar darba jitwaqqaf u jekk jaqblux li jsir proċess ġdid b'Bord tal-Għażla ġdid. Kullħadd qabel ma' dawn il-proposti.

1.11 L-applikazzjonijiet li jirċievi l-Kunsill Lokali ser jinżammu mill-Uffiċċjal Eżekuttiv is-Sur Carmel Busuttil.

1.12 Il-Laqgħa intemmet fis-6.19 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 5 t'Ottubru 2012